MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 899/2013

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Sunderlands Online Limited (C38141)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ GO p.l.c. li in forza tieghu wara li gie premess illi:

Nhar l-14 ta’ Lulju 2011, is-socjetà intimata, li sa minn issa qeghda tigi ngunta ghas-subizzjoni, dahlet f’zewg rabtiet kuntrattwali mas-socjetà rikorrenti in konnessjoni ma’ provizjoni ta’ diversi servizzi.

Senjatament dawn il-kuntratti kienu jirreferu ghas-servizz ta’ Internet Connectivity u ghall-Customer Co-Location Services and Related Technical Support Services.

Is-socjetà rikorrenti pprestat is-servizzi kontrattati lis-socjetà intimata.

In konnessjoni mas-servizzi mertu ta’ din il-vertenza, is-socjetà intimata ghandha taghti lis-socjetà rikorrenti s-somma ta’ hmistax-il elf mitejn wiehed u tletin Ewro u sebghin centezmu (€15,231.70). Illi tali ammont jirrizulta mill-fatturi annessi u mmarkati bhala Dok. C1 sa C19 fl-ammont ta’ hmistax-il elf seba’ mija wiehed u tletin Ewro u sebghin centezmu (€15,731.70) u li minnhom thallsu biss hames mitt Ewro (€500) (ara Dok. G).

Is-socjetà intimata giet interpellata biex thallas, izda din baqghet inadempjenti.

Joseph Dimech huwa mpjegat tas-socjetà GO p.l.c. fil-vesti ta’ Senior Manager, Credit Control, u jaf b’dawn il-fatti

personalment, wara li vverifika mal-informazzjoni fil-files relattivi tas-socjetà rikorrenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas lis-socjetà rikorrenti:

   (i) Is-somma ta' hmistax-il elf mitejn wiehed u tletin Ewro u sebghin centezmu (€15,231.70);

   (ii) L-ispejjez u d-drittijiet, inkluzi dawk tal-prezenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-odjerna kawza, kontra s-socjetà intimata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, is-socjetà Sunderlands Online Limtied, baqghet ma wegbitx ghall-kawza.

Rat li, ghalkemm moghtija l-fakultà li tipprezenta sottomissjonijiet baqghet ma ressqet ebda sottomissjoni.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta mill-provi prodotti illi t-talbiet ta’ GO p.l.c. huma pruvati sal-grad rikjest mill-ligi, u jisthoqqilhom jintlaqghu.

Ghaldaqstant, fil-kontumacja tas-socjetà konvenuta, l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tikkundanna lil Sunderlands Online Limited thallas lil GO p.l.c. is-somma ta’ €15,231.70 (hmistax-il elf mitejn wiehed u tletin Ewro u sebghin centezmu) bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu min Sunderlands Online Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------